**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 16 ta' Mejju 2023**

**Rikors Nru. 378/2022 GM**

**HSBC Bank Malta p.l.c. (C 3177)**

**vs**

**Janet Cuschieri (KI 450369M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors tas-soċjeta` HSBC Bank Malta p.l.c. fl-ismijiet premessi ppreżentat fl-4 ta' Mejju 2022 li permezz tiegħu talbet lil din il-Qorti tawtorizzaha tgħaddi għall-eżekuzzjoni tat-titlu eżekuttiv hemm imsemmi ai termini tal-Art. 258(ċ) tal-Kap 12 billi għaddew iżjed minn ħames snin mid-data tal-istess ittra uffiċjali.

Ikkunsidrat:

Skont l-Art. 166A(4) Kap. 12 meta d-debitur ma jopponix it-talba fi żmien 30 jum, l-ittra uffiċjali tkun **tikkostitwixxi titolu eżekuttiv** bħallikieku dik l-ittra uffiċjali kienet inkluża fl-artikolu 253(a) tal-istess Kap. - li jqis is-sentenzi u d-digrieti tal-qrati tal-ġustizzja ta' Malta bħala titli eżekuttivi.

Skont Art. 258(ċ) tal-istess Kap.:

> **Wara l-għeluq ta' ħames snin minn dakinhar li skont il-liġi it-titolu eżekuttiv rigward il-proċeduri meħudin skont l-Artikolu 166A seta' ġie esegwit, l-esekuzzjoni tista' ssir biss wara talba magħmula b'rikors quddiem il-qorti kompetenti. Ir-rikorrent għandu wkoll jikkonferma bil-ġurament ix-xorta tad-dejn jew tat-talba li jkun qed ifittex l-esekuzzjoni tagħha, u li d-dejn jew parti minnu jkun għadu dovut.**

L-imsemmi Art. 258 huwa espressament maħsub biex jirregola l-eżekuzzjoni ta' titli eżekuttivi li jkun għadda minn fuqhom żmien minn meta setgħu jkunu eżegwiti. Dan huwa hekk għaliex kull titlu eżekuttiv għandu ħajja limitata u determinata sa meta tista' ssir l-eżekuzzjoni tiegħu. Wara li jgħaddi ż-żmien preskritt, tista' titħaddem il-proċedura msemmija fl-artikolu 258.

L-indaġni ta' din il-Qorti f'rikorsi ta' din ix-xorta hija limitata. Kif ingħad fil-kawża **HSBC Bank Malta p.l.c. v. John Dalli**[1]:

> Illi minn dan jidher li l-uniku eżami li għandha tagħmel l-istess Qorti għall-akkoljiment tal-istess rikors huwa **biss li tindaga u taċċerta ruħha dwar l-eżistenza tal-istess titolu eżekuttiv**, u li l-ammont hekk kanonizzat jew parti minnu **huwa dovut, u dan tramite l-konferma bil-ġurament tal-istess rikorrenti**. **Fil-fatt xejn iżjed ma huwa rikjest skond l-istess artikolu, lanqas in-notifka lill-kontro-parti, u wisq inqas li l-istess rikors jiġi appuntat għas-smiegħ.**

[1] Mogħtija minn din il-Qorti, diversament ippreseduta (RCP) fit-18 ta' April 2002.

> Illi fil-fatt tant huwa minnu dan li huwa biss *ai termini* tal-Artikolu 259(4) f'kaz ta' proċeduri da parte tal-eredi, suċċessuri jew ċessjonarji tal-kredituri, li l-liġi teħtieġ li l-istess rikors jiġi notifkat lid-debitur jew lill-eredi, ċessjonarji jew suċċessuri tiegħu, u dan allura jikkonferma it-teżi li f'dan il-każ, li ma jaqax taħt l-Artikolu 259 (4) appena ċitat, l-unika eżami li trid tagħmel l-istess Qorti hija biss li tara l-eżistenza tal-istess titolu eżekuttiv, u li r-rikorrenti jikkonferma bil-gurament li d-debitu jew parti minnu għadu dovut.

Ikkunsidrat:

Mill-eżami ta' l-atti proċesswali jirriżulta li:

(1) l-Bank għandu titlu eżekuttiv permezz tal-ittra uffiċjali tal-5 ta' Novembru 2013 bin-numru 345/15, maħruga skont id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 166A tal-Kap 12, u reża esegwibbli fis-16 ta' Jannar 2015 għall-ammonti u mgħaxijiet hemm imsemmija fil-konfront tal-intimata.

(2) għaddew aktar minn ħames snin, minn meta t-titolu eżekuttiv seta' jiġi esegwit.

(3) ġie kkonfermat bil-ġurament ix-xorta tad-dejn jew tat-talba li qed tintalab l-esekuzzjoni tagħha, u li d-dejn għadu dovut.

Fid-dawl ta' dak kollu li jissemma' qabel, il-Qorti ssib li r-rikorrent seħħlu juri li jeżistu l-kundizzjonijiet kollha maħsuba mil-liġi biex it-talba tiegħu tista' tintlaqa'.

***Decide*:**

Għaldaqstant din il-Qorti qiegħda tilqa' t-talba tal-Bank kif dedotta fir-Rikors u qiegħda fit-termini tal-Art. 258 tal-Kap 12, tawtorizza l-eżekuzzjoni tat-titlu eżekuttiv li kiseb fil-konfront tal-intimata bis-saħħa

tal-ittra uffiċjali fuq indikata.

Bl-ispejjeż a karigu tal-intimata.

Mogħti kameralment.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA